# QORTI ĊIVILI PRIM’AWLA

# S.T.O. PRIM IMĦALLEF
# JOSEPH AZZOPARDI

**Illum il-Ġimgħa, 9 ta’ Novembru 2018**

**Kawża Nru: 30**

**Rikors Ġuramentat Nru: 838/09 JA**

**Costruzioni Dondi S.p.A., soċjeta’ estera reġistrata fl-Italja fir-Reġistru tal-Intrapriżi ta’ Rovigo bin-numru 00103480299**

**vs**

**Id-Direttur tal-Kuntratti, u l-Korporazzjoni għas-servizzi tal-Ilma**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat tas-soċjeta’ attriċi **Costruzioni Dondi S.p.A.** li ġie ppreżentat fis-27 ta’ Awissu 2009 fejn ġie premess:

Illi s-soċjeta’ rikorrenti kienet issottomettiet l-offerta tagħha fir-rigward tas-sejħa għall-offerti, bl-isem Malta South Sewage Treatment Plant (Works) (CT165/20074 – CT 2084/2007), li nħarġet fuq talba

tal-Korporazzjoni intimata, mid-Direttur intimat;

Illi skont Klawsola 15.9 tat-*Tender Documents,* il-*budget* allokat għal dan it-tender partikolari huwa dak ta' sebgħa u ħamsin miljun Ewro (€57 miljun), ossia erbgħa u għoxrin miljun u nofs Liri Maltin (Lm24.5 miljun) *vide* estratt tat-*Tender Documents* – anness u mmarkat bħala **Dok 'A'**);

Illi fis-seduta tas-27 ta' Marzu 2008, il-Kumitat Ġeneral tal-Kuntratti rrakkomanda li l-proposti finanzjarji (prezzijiet) tat-*tenderers* Strabag AG-VA Tech Wabag GmbH Consortium u Degremont SA/CCC-CMR għandhom jiġu ppubblikati (rakkomandazzjoni annessa u immarkata bħal **Dok 'B'**);

Illi min-naħa l-oħra u permezz ta' ittra datata 28 ta' Marzu 2008, is-soċjeta' rikorrenti ġiet infurmata mid-Direttur intimat illi t-*tender* tagħhom ma kienx ser jibqa' jiġi kkunsidrat għaliex ma kienx jissodisfa xi wħud mir-rekwiżiti amministrattivi fi "Grid IV" (ittra annessa u mmarkata bħala **Dok 'C'**);

Illi fl-ittra ta' esklużjoni, id-Direttur intimat qal illi *ai termini* ta' klawsola 4.2.2 (b), (d) u bħala Esperjenza *qua* Kuntrattur Prinċipali, l-informazzjoni pprovduta mis-soċjeta' rikorrenti ma kenitx tirreferi speċifikament għal-impjanti b'kapaċita' ta' **"300,000 PE"** u li ġie nnutat illi wieħed mill-erba' mpjanti li għalihom saret referenza fit-*tender* tal-istess soċjeta' rikorrenti kien "Convnetional Avtivated Sludge (CAS) plant". Illi *inoltre*, id-Direttur intimat ikompli jgħid illi saret biss referenza għal "Biological Aereated Filter (BAF) Plant" wieħed li jinsab f'Cortina d'Amprezzo li hu magħmul minn erba' mpjanti Cas minuri u li għandu kapaċita' ta' **299,120 PE** u mhux 300,000 PE kif mitlub fit-*tender document*;

Illi d-Direttur intimat semma wkoll bħala raġuni għall-esklużjoni illi s-

soċjeta' rikorrenti ma laħqitx ir-rekwiżiti ai termini tal-klawsola 4.2.6 – *Subcontractor Requirments, stante* illi is-subappaltatur propost kien ser ikun responsabbli għal-eżekuzzjoni ta' 43% tax-xogħlijiet u li għaldaqstant tali subappaltatur kellu jkollu esperjenza ta' 129,000 PE mentri dan għandu 40,000PE;

Illi s-soċjeta' rikorrenti ħassitha aggravata bir-raġunijiet tal-esklużjoni u intavolat ilment mad-Dipartiment tal-kuntratti nhar l- 4 ta' April 2008 fejn elenkat l-aggravji tagħha u formalment talbet rikonsiderazzjoni tad-deċiżjoni tat-28 ta' Marzu 2008 (ittra annessa u mmarkata bħala **Dok 'Ċ'**);

Illi dan ilment ġiex riferit mill-istess Direttur intimat liċ-*Chairman* tal-Bord tal-Appelli dwar il-Kuntratti Pubbliċi, u għaldaqstant l-ilment tal-istess soċjeta' rikorrenti ma ġiex ittrattat mill-istess Bord tal-Appelli skont il-liġi, liema Bord kellu – *ai termini* tar-Regolament 82(6) tal-A.L. 177 tal-2005 – iwettaq eżami mill-ġdid sħiħ u dettaljat tar-raġunijiet miġjuba mid-Dipartiment tal-kuntratti għat-twarrib tal-offerta tas-soċjeta rikorrenti;

Illi l-offerti tat-*tenderers*, illi għaddew għall-istadju finali tal-aġġudikażżjoni tal-kuntratt in kwistjoni, kienu ferm superjuri għall-budget disponibbli għal dan it-*tender* u senjatament sebgħa u ħamsin miljun Ewro (€57 miljun), tant illi l-**irħas** waħda mit-tnejn li kien għad fadal – u senjatament dik ta' Degremont S.A./CCC (France), kienet tammonta għal ċirka erbgħa u tmenin miljun Ewro (€84 miljun);

Illi l-intimat direttur tal-Kuntratti beda negozjati ma' Degremont S.A./CCC – CMR (France), u kif ikkonfermat fl-ittra tiegħu lis-soċjeta' rikorrenti datata 27 ta' Ġunju, 2008 (annessa u mmarkata **Dok 'D'**), dawn in-negozjati wasslu għall-bidla sostanzjali fit-termmini u l-entita' tat-tender oriġinali tant illi l-prezz ta' Degremont tnaqqas minn €84 miljun għal ftit iktar minn €57 miljun!

Illi għaldaqstant, ir-raġunijiet għall-esklużjoni mogħtija lis-soċjeta' protestanti (liema raġunijiet għadhom qed jiġu fermament ikkontestati) lanqas baqgħu relevanti a*t face value stante* illi ma jagħmilx sens loġiku u legali illi teskludi l-kuntrattur a bażi li m'għandux esperjenza f'kostruzzjoni ta' impjant/i tal-entita' proposta, meta dik l-entita' issa ġiet ridotta *ex admissis* b'mod daqstant sostanzjali;

Illi *inoltre* fl-ittra tiegħu tas-27 ta' Ġunju 2008, l-intimat Direttur tal-Kuntratti stieden lis-soċjeta' rikorrenti sabiex tintavola appella fil-Public Contracts Appeals Board, akkumpanjat b'depożitu ta €58,000 *ai termini* tar-Regolament 83 tal-A.L. 177 tal-2005;

Illi din l-istedina mhux talli kienet waħda illegali u *ultra vires* stant illi l-Appell previst fir-Regolament 83 ta' A.L. tal-2005 huwa riservat biss *"to those tenderers whose offer reaches the final stage of the award procedure, that is the opening and the publication of the financial proposals"* (Regolament 82 tal-A.L. 177 tal-2005)u kif tra l'altro kkonfermat mill-Avukat Ġenerali fil-kontro-protest tiegħu anness u immrkat **Dok 'E'** – iżda permezz tagħha id-Direttur intimat ma offra l-ebda rimedju għall-aggravji mressqa mis-soċjeta' rikorrenti, kif inhu obbligat li jagħmel bil-liġi *ai termini* tar-Regolament 6 tal-A.L. 177 tal-2005;

Illi l-proċedura negozjata saret bi ksur tal-liġi u senjatament tar-Regolament 72 ta' lA.L. 177 ta' 2005 illi tistipula illi l-awtorita' kontraenti [ossia d-Direttut intimat, fil-każ odjern] tista' tagħti kuntratti ta' xogħlijiet pubbliċi bi proċedura negozjata mingħajr il-pubblikazzjoni minn qabel ta' avviż dwar kuntratt tal-UE fil-każ li ma jiġux riċevuti ebda offerti jew offerti adatti u **sakemm il-kundizzjonijiet** [fil-verżoni Ingliża *"**terms**"*] tat-tender oriġinali **ma jkunux sostanzjalment mibdula**;

Illi huwa ċar illi il-kundizzjonijiet tat-*tender* oriġinali nbidlu b'mod tali illi wassal għal differenza ta' €26 miljun u għaldaqstant qatt ma setgħet tiġi adoperata proċedura negozjata kif fil-fatt sar;

Illi għal kull buon fini jingħad illi l-klawsola 32.2 tat-Tender Documents tistipula illi *"The Contracting Authority reserves the right to conclude the contract with the successful tenderer within the limits of the funds available. Should the prospective awardee's tender price exceed the avialable budget, the Contracting Authority reserves the right to negotiate with the relevant tenderer with a view to reducing the scope of the works or revising other terms of the contract in order to bring the tender price down to a level satisfactory to the Contracting Authority. Such negotiations will be finished within 10 days of the receipt by the tenderer of the invitation to negotiate a reduction in price and / or works"* (*vide* estratt tat-tender document annessa u mmarkat bħala **Dok 'F'**);

Illi mandankollu din il-klawsola qatt ma tista' tiġi nterpretata b'mod illi jmur kontra d-dettami tal-liġi u senjatament illi qatt ma jistgħu jsiru negozjati b'mod illi jibdlu sostanzjalment il-kundizzjonijiet oriġinali tat-*tender*. F'dan ir-rigward filwaqt li ssir referenza għall-prinċipju assodat illi l-ebda awtorita' pubblika ma tista' taġixxi *ultra vires*, issir referenza speċifika għall-fatt illi il-liġi tal-kuntratti Pubbliċi nnifisha timponi fuq id-Direttur tal-Kuntratti illi fi kwalunkwe proċedura li jistabbilixxi rigward l-għoti tal-kuntratt, din għandha tkun dejjem fil-parametri tal-liġi. Infatti Regolament 5(2) (g) tal- A.L. 177 tal-2005 jitipula illi *"it shall be the function of the Director of Contracts – (g) to establish and regulate the procedure to be followed during meetings of the Contracts Committee and Departmental Adjudication Boards, and during the issue and publication of calls for tenders, receipt of offers, opening of bids, adjudication of tenders and award of contracts* ***in accordance with the rules herein set out****"*.

Illi sussegwentement kien ġie a konoxxenza tas-soċjeta' rikorrenti illi s-subappaltatur propost minnha (**formalment iddikjarat fit-*tender* tagħha**) u senjatament Polidano Brothers Limited, kien avviċinat mit-*tenderer* li huwa rakkomandat sabiex jieħu l-kuntratt tax-xogħolijiet *de quo* u senjatament Degremont S.A./CCC – CMR (France), u dana sabiex l-istess Polidiano Borthers Limited taġixxi bħala subappaltatur tal-istess Degremont fit-twettiq tal-kuntratt u dana bi ksur sfaċċat tal-liġi u bi ksur tal-Artikolu 36.3 tat- *Tender Documents* li jistipula:

> *36.6 When putting forward a candidacy or tender, the candidate or tenderer must declare that he is affected by no potential conflict of interest,* ***and that he has no particular link with other tenderersor parties involved in the project****. Should such a situation arise during performance of the contract, the Contractor must immediately inform the Contracting Authority;* (*vide* estratt tat-*tender documents* anness u mmarkat bħala **Dok 'G'**).

Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, it-*tenderer* rakkomandat Degremont S.A./CCC – CMR (France), u li eventwalment rebaħ il-kuntratt *de quo,* kienu wkoll tenut illi jiddikjara s-subappaltaturi tiegħu *ai termini* tal-Formula 4.6.6 tat-Tender Documents *de quo;*

Illi apparti is-suespost, il-proċedura kollha li wasslet għall-għoti tal-kuntratt *de quo* kienet ivvizjata b'numru ta' irregolaritajiet u illegalitajiet oħra li jinkludu s-segwenti:

a. Il-kundizzjonijiet ta' dan it-*tender* kienu ntenzjonati sabiex jeskludu l-maġġoranza ta' operaturi ekonomiċi f'dan il-qasam u kien indirizzat lejn numru ferm ristrett ta' kumpaniji / konsorzji interessanti. Infatti wieħed u għoxrin (21) ġurnata qabel kien jiskadi t-terminu li fih kienu qed jintlaqgħu l-offerti, id-Direttur intimat biddel it-termini u l-

kundizzonijiet tat-*tender de quo*, b'mod illi numru ta' kumpaniji / konsorzji interessati ġew *de fact* esklużi. Tali restrizzjoni tikser id-dettami tar-Regolament 45(6) tal-Avviż Legali surreferit illi jispeċifika illi:

> "(6) Sakemm l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi u ma jkunux ġustifikati bis-suġġett tal-kuntratt, l-awtoritajiet kontraenti ma għandhomx jintroduċu fil-klawsoli tal-kuntratt li jirrigwarda kuntratt partikolari speċifikazzjonijiet tekniċi li jirreferu għal-prodotti ta' għamla jew sors speċifiċi, jew proċess partikolari, jew *trade marks*, privattivi, tipi jew oriġini speċifiċi jew produzzjoni **bl-effett i jiġu favoriti jew eliminati ċerti intrapriżi jew ċerti prodotti**".

b. Illi *inoltre* tali bidla fil-kundizzjonijiet tat-*tender* mhux talli ma hijiex permessibli *stante* illi hija restrittiva żżejjed iżda wkoll *stante* illi addirittura tali bidla ġiet ippreżentata bħala *"clarification"* meta ma kienet kjarifika xejn u ġiet ippreżentata wara illi setgħu ġew sottomessi l-offerti;

ċ. Illi *inoltre,* fit-Tender Documents, id-Direttur intimat indika mekkaniżmu ta appell żbaljat b'mod illi jiżgwida lill-offerenti. Infatti l-istess Direttut indika r-Regolament 83 tal-Avviż Legali surreferit bħala r-rimedju li bih offerent seta' jattakka xi deċiżjoni ta' esklużjoni, u liema rimedju jista' jintuża biss wara li ikun ġie aġġudikat it-Tender minn dawk l-offerenti biss li jkunu waslu sa l-istadju finali. Fil-verita' r-Regolament applikabbli huwa r-Regolament 82 tal-istess Avviż Legali. Illi l-indikazzjoni żbaljata tal-mekkaniżmu ta' Appell applikabbli għal każ *de quo* tikkostitwixxi fiha nnifisha vjolazzjoni tar-Regolament 33(3):

Kull awtorita' kontraenti, elenkata fl-Iskeda 1, għandha tindika fid-dokumenti tal-offerta tagħha li l-għoti tal-kuntratt ikun soġġett għall-proċedura ta' appelli stabilita f'dawn ir-regolamenti. Id-dokument għandu **jkun jinkludi kopja tat-Taqsimiet XII jew XIII, skont ma jkun il-każ**, għall-gwida tal-offerenti.

d. Illi dan it-Tender inħareġ taħt it-Taqsima XII u għaldaqstant id-Direttur intimat kellu jindika l-proċedura ta' appelli stabilita fl-istess Taqsima. Illi din l-irregolarita' mhux talli kienet tissussisti fit-Tender Documents biss, iżda talli l-istess Direttur intimat reġa' irrepetiha fi kwalunkwe korrispondenza sussewenti mas-soċjeta' rikorrenti;

e. Illi *inoltre*, is-soċjeta' protestanti ġiet eskluża a bażi ta' kunsiderazzjonijiet inveritiera u li setgħu faċilment jiġu vverifikati kieku id-Direttur intimat staqsa għal kjarifika fir-rigward. Illi f'każijiet bħal dawn, l-eżerċizzju ta' talba għal kjarifika ma jibqax wieħed fakulattiv iżda jsir obbligu, u dan kif irritenja ripetutament il-Bord tal-Appelli dwar il-Kuntratti Pubbliċi;

Illi sabiex tikkawtela d-drittijiet tagħha, is-soċjeta' rikorrenti talbet il-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni (Mandat Inib nru. 976/2008 JRM) li permezz tiegħu talbet lill-Qorti iżomm lid-Direttur tal-Kuntratti milli jagħti u / jew jiffirma il-kuntratt, in segwitu tas-sejħa għall-offerti bin-numru CT 165/2007 Malta South Sewage Treatment Plant, lil Degremont S.A./CCC – CMR (France), hekk kif propost u / jew rakkomandat mill-Kumitat Ġenerali tal-Kuntratti fis-sessjoni tad-19 ta' Ġunju 2008, liema proposta u / jew rakkomandazzjoni ġiet approvata mid-Direttur tal-Kuntratti;

Illi dina l-Onorabbli Qorti permezz tad-digriet tagħha tat-30 ta' Ġunju 2008 laqgħet it-talba għall-ħruġ tal-mandat provviżorjament u ordnat in-notifika lill-intimat u qiegħdet ir-rikors għas-smigħ tal-4 ta' Lulju, 2008;

Illi fid-deċiżjoni tagħha tat-18 ta' Lulju 2008 (kopja ta' liema qed tiġi annessa u immarkata **Dok 'H'**), dina l-Onorabbli Qorti sabet illi *prima face* it-tibdil sussegwenti li sar fl-ispeċifikazzjonijiet tas-sejħa għall-offerti, it-tibdil fil-prezz li tniżżel biex jaqa' fil-parametri tas-somma msemmija oriġinarjament u kif ukoll it-tibdil fis-sura teknika tal-impjant, jagħtu lok mad-daqqa t'għajn għal raġuni tajba ta' lment lir-rikorrenti u jsejsu fiha l-jedd maħsub mill-liġi.

Illi madankollu fl-istess deċiżjoni dina l-Onorabbli Qorti rriteniet illi l-mandat ta' inibizzjoni mitlub m'għandux jinħareġ u dan *stante* illi:

i) l-ħsara illi l-kumpannija rikorrenti tista' ġġarrab bl-għamil tal-intimat hija waħda ta' dannu li jista' jissarraf ukoll f'kumpens fi flus f'każ illi l-għamil jirriżulta tassew li sar bi ksur tal-liġi u *stante*

2) illi mill-aspett tal-proporzjonalita', jidher li meta wieħed iqabbel il-preġudizzju li tista' ġġarrab il-kumpannija rikorrenti bl-għamil tal-intimat ma' dak li jseħħ kieku t-talba tagħha għall-ħruġ tal-mandat kellha tinqala' li ġġarrab il-kumpannija rikorrenti jkun wisq anqas minn dak li tiġri li kieku l-proġett tal-bini tal-impjant tat-tisfija jew trattament tad-drenaġġ jinżamm milli jsir;

Illi sussegwentement il-kuntratt *de quo* ngħata mid-Direttur intimat lil Degremont S.A./CCC – CMR (France);

Illi dan l-aġir tal-intimati jew min minnhom ikkawża danni ingenti lis-soċjeta attriċi;

Illi minkejja diversi interpellazzjonijiet kemm bonarji u kif ukoll ġudizjarji (*vide* kopja tal-protesti ġudiżjarji ppreżentati nhar is-26 ta' Mejju 2008 u s-6 ta' Awwissu 2008 annessi u mmarkati **Dok 'I'** u **Dok 'J'** rispettivament), l-intimati baqgħu inadempjenti u għaldaqstant kellha tittieħed din il-proċedura;

Għaldaqstant jgħidu għalhekk l-intimata għaliex din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex:

1) Tiddikjara illi fl-għoti tal-kuntratt bin-numru CT 165/2007 Malta South Sewage Treatment Plant, lil Degremont S.A./CCC – CMR (France), l-intimati jew min minnhom aġixxew bi ksur tal-liġijiet u r-regolamenti li jirregolaw il-kuntratti pubbliċi;

2) Tiddikjara konsegwentement illi l-esklużjoni tas-soċjeta' rikorrenti mill-proċess tat-*tender* u / jew negozjati segwenti kienet waħda irregolari;

3) Tiddikjara u tiddeċiedi għaldaqstant illi l-intimati jew min minnhom huma responsabbli għad-danni, konsistenti iżda mhux limitatament f'telf ta' profitti, ikkawżati lis-soċjeta' rikorrenti;

4) Tillikwida, okkerendo bil-ħatra ta' periti nominadi, id-danni kollha hekk sofferti mis-soċjeta' rikorrenti;

5) Tikkundanna lill-intimati, jew min minnhom, iħallsu d-danni hekk likwidati lis-soċjeta' rikorrenti;

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali mid-data tal-protest ġudizzjarju datat 26 ta' Mejju 2008, kontra l-intimati, minn issa nġunti in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tas-soċjeta' attriċi u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-**Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma** li ġiet ippreżentata fis-7 ta' Diċembru 2009 fejn ġie eċċepit:

1) Illi *in linea* preliminari, il-Korporazzjoni intimata ma hijiex il-leġittimu kontradittur, *stante* li l-unika relazzjoni ġuridika li teżisti mas-soċjeta' rikorrenti fil-proċeduri odjerni, hija proprju mal-intimat l-ieħor, id-Direttur tal-Kuntratti;

2) Illi minn imkien, la rikors promotur wisq anqas mid-dokumenti annessi miegħu, ma jirriżulta x'inhu l-aġir tal-Korporazzjoni intimata li minnu qed tilmenta l-istess soċjeta' rikorrenti u li minħabba fih l-istess rikorrenti allegatament sofriet danni;

3) Illi l-allegazzjonijiet / ilmenti vvantati mis-soċjeta' rikorrenti fil-każ *de quo* jinkwadraw ruħhom fil-proċedura determinata (a differenza għal dik sostantiva) li twassal għall-konklużjoni tat-trattattivi dwar is-sejħa tal-offerti, u dan qabel ma jsir il-kuntratt definittiv. F'dan ir-rigward l-artikolu 5 tal-Avviż Legali 177 ta l-2005, jistabbilixxi l-funzjoni tal-intimat Direttur tal-kuntratti, hemm krejat, fejn *inter alia* hija bażikament li jissorvelja u jmexxi l-istess proċess u kundizzjoni għas-sejħa tal-offerti fosthom li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet ġenerali tal-kuntratt, speċifikazzjonijiet u kondizzjonijiet *standard*, jifli u japprova d-dokumenti tal-offerti, reklamar tal-istess, jifformula l-ftehim, jikkonsidra u japprova l-ħatra ta' kuntratturi *etc* u dan dejjem bl-iskop li jsir l-*"akkwist ta kull tagħmir, ħażina, xogħlijiet u servizzi mill-Gvern jew minn kull korp ieħor li dawn ir-regolament japplikaw għalih"*.

4) Illi jirriżulta li l-allegazzjonijiet, l-ilmenti u t-talbiet imressqa mis-soċjeta' rikorrenti fil-każ *de quo* huma lkoll indirizzati versu

l-intimat Direttur tal-Kuntratti u għaldastant in vista wkoll tas-suespost, il-Korporazzjoni intimata għandha tkun liberata mill-osservanza tal-ġudizzju;

5) Illi mingħajr preġudizzju għall-premess, ukoll *in linea* preliminari, ir-rikors promotur huwa null u mingħajr effett fil-liġi peress li s-soċjeta' estera li għan-nom tagħha sar l-istess rikors m'hijiex reġistrata f'Malta u lanqas ma appuntat mandatarju preżenti f'Malta biex jirrappreżentaha fil-proċeduri ġudizzjarji preżentati fil-Qorti Maltija;

6) Illi mingħajr preġudizzju għall-premess, ukoll *in linea* preliminari, din l-azzjoni mhi xejn ħlief azzjoni a tenur tal-artikolu 469A tal-Kap 12 u għaldaqstant l-istess azzjoni hija perenta a tenur tal-artikolu 469 A (6) tal-Kap 12;

7) Illi mingħajr preġudizzju għall-premess, ukoll *in linea* preliminari, is-soċjeta' rikorrenti jeħtieġilha tagħti prova li Alessandro Rondina, detentur ta' passaport taljan bin-numru E714872, huwa debitament awtorizzat sabiex jiffirma f'isimha;

8) Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost u fil-mertu, it-talbiet tas-soċjeta' rikorrenti għadhom jiġu respinti fil-fatt u fid-dritt għar-raġunijiet segwenti;

9) Illi t-tielet, ir-raba' u l-ħames talbiet tas-soċjeta' rikorrenti ma jsegwux l-ewwel żewġ talbiet tar-rikorrenti, u dan 'il għaliex ir-rikorrenti teħtieġ tipprova mhux biss li saret xi irregolarita' mill-intimati jew min minnhom, imma wkoll li fin-nuqqas ta' tali irregolaritajiet, hija kienet tikwalifika u in segwitu tiġi aġġudikata t-*tender de quo*;

10) Illi, fi kwalunkwe każ, u mingħajr preġudizzju għas-suespost, is-

soċjeta' rikorrenti jeħtieġilha turi, qabel xejn, illi hija sofriet danni;

11) Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, jekk kemm-il darba l-offerta tas-soċjeta' intimata ma baqatx tiġi kkunsidrata, dan sar unikament minħabba li:- (i) l-istess rikorrent ma kellhiex l-esperjenza rikjesta *ai termini* tad-dokument tat-*tender* senjament ta' żewġ *Biological Aereated Filter (BAF) plants* b'kapaċita ta 300,000 PE u dan skont klawsoli enumerati 4.2.2 (b) u (d) u kif ukoll id-diversi kjarifikazzjonijiet li saru f'dan ir-rigward (*vide* l-estratti relattivi tad-dokument tat-tender u l-klarifikazzjonijiet annessi u mmarkati Dok 'KSI 1A' u '1B' rispettivament), u (ii) is-soċjeta' rikorrenti ma laħqitx ir-rekwiżiti *ai termini* tal-klawsola 4.2.6 – Subcontractor Requirements, u dan *stante* li s-sub-appaltatur ingaġġat minnha daqstant ma kellux l-esperjenza rikjesta skont ix-xorta tal-involviment tiegħu fil-kuntratt (*vide* l-estratti relattivi tad-dokument tat-tender annessi u mmarkati Dok 'KSI 2');

12) Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost għalxejn is-soċjeta' rikorrenti issa tilmenta (ara premessa numru 18 tar-rikors promotur) li s-soċjeta' li rebħet it-*tender* u ċjoe' Degremont S.A./CCC – CMR avviċinat lis-sub-appaltatur, ingaġġat minnha, senjament Polidano Brothers Limited, sabiex jaġixxi ta' sub-appaltatur tagħha, u dana *stante* li l-ewwel nett klawsola 4.2.6 tad-dokument tat-*tender* ma tapplikax għas-soċjeta' Degremont S.A./CCC – CMR (France), ġa la darba din tal-aħħar ma ngaġġatx sub-appaltatatur/i għal xogħlijiet li jeċċedu l-għaxra fil-mija (10%) tal-eżekuzzjoni tal-proġett, tant li a dirittura lanqas id-dispożizzjonijiet tal-Formula 4.6.6 tad-dokumenti tat-*tender* ma japplikaw (a differenza ta' dak li qed tissottometti r-rikorrenti fid-dsatax-il premessa tar-rikors promotur) u dana *ai termini* tad-dispżsizzjonijiet tal-klawsola 4.2.6 li tgħid *inter alia: "The*

*designated sub-contractors* (*for more than 10% of the Contract value*) *shall ... " (vide* estratt tad-dokument tat-tender ġja' anness u mmarkat bħala Dok 'KSI 2'). A propositu jiġi nnutat ukoll li s-soċjeta' rikorrenti naqset milli tissottometti r-rekwiżiti imposti mill-istess klawsola, senjament *litigation history criteria* tas-sub-appaltatur ingaġġat minnha;

13) Illi għaldaqstant jekk ir-rikorrenti tħossha aggravata min dawn l-assjemi hija għandha tindirizza l-pretensjonijiet tagħha lis-sub-appaltatur ingaġġat minnha, kif *del resto* qegħda tagħmel f'kawża oħra indipendenti minn din, fl-ismijiet Costruzioni Dondi S.p.A., soċjeta estera reġistrata fl-Italja fir-Reġistru tal-Intrapriżi ta' Rovigo bin-numru 0013480299 vs Polidano Brothers Ltd (Rik. Ġur 53082009 GCD). Hawnhekk ta' min jinnota li fil-kawża ċitata, l-intimat Polidano Brothers Ltd stess issottometta li s-soċjeta' rikorrenti ma kellhiex l-esperjenza rikjesta mid-dokumenti tat-*tender*;

14) Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, lanqas l-ilmenti mressqa mis-soċjeta' rikorrenti f'numri sebgħa (7) u tmienja (8) tar-rikors promotur ma huma ġusti u korretti. Minkejja l-ittra mibgħuta mir-rikorrenti *tramite* l-konsulent legali tagħha mill-intimat Direttur tal-kuntratti, fil-4 ta' April 2008, din ma tistax titqies bħala oġġezzjoni valida a tenur tar-Regolamenti dwar il-Kunratti Pubbliċi *stante* li l-ebda depożitu ma kien sar mir-rikorrenti u kif fuq kollox kien irrimarkat ukoll mill-istess konsulent legali fl-istess korrispondenza (*vide* t-tieni oparagrfu ta' Dok. 'C' ppreżentat mir-rikorrenti u kif ukoll rimarka numru 6 tar-risposta mingħuta mid-Direttur tal-Kuntratti fil 25 ta' April 2008 liema ittra hija annessa u mmarkata bħala Dok 'KSI 3'). F'dan is-sens allura t-trattament li qegħda tesiġi s-soċjeta' rikorrenti *ai termini* tar-Regolament 82 (6) tal-Avviż Legali 177 tal-2005, senjament dak ta' *"eżami mill-ġdid sħiħ u dettaljat tar-raġunijiet miġjuba*

*mid-Dipartiment tal-kuntratti għat-twarrib tal-offerta tas-soċjeta' rikorrenti"* ma japplikax;

15) Illi *inoltre, ai termini* tar-Regolament 6(4) tar-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubbliċi, jiġi sottolineat li s-soċjeta' rikorrenti setgħet tattakka d-deċiżjoni tal-intimat Direttur tal-Kuntratti li jagħti d-dritt lil kull min iħossu aggravat minn deċiżjoni mogħtija mill-imsemmi intimat li entru tletin (30) ġurnata ta' xogħol minn meta dik id-deċiżjoni saret pubblika jappella quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), ħaġa li bla dubju ta' xejn is-soċjeta' rikorrenti għażlet li ma tagħmilx;

16) Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, b'referenza għat-tnax (12) u t-tlettax (13) il-premessa tar-rikors promotur ma saret l-ebda stedina mid-Direttur intimat lis-soċjeta' rikorrenti sabiex tappella li kient illegali u *ultra vires*. Jibqa' l-fatt li s-soċjeta' rikorrenti kellha l-opportunita' li tappela d-deċiżjoni li permezz tagħha hija ġiet skwalifikata u hija naqset li tagħmel san skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament dwar il-Kuntratti Pubbliċi;

17) Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost anke l-ilmenti l-oħra mressqa mis-soċjeta rikorrenti fil-premessi tagħha numerati erbatax (14) sa sbatax (17) huma skorretti. Ir-Regolamenti 72 tal-Avviż Legali 177 tal-2005 speċifikament jistipula li l-awtorita' kontraenti, *ossia* d-Direttur intimat fil-każ odjern, tista' tagħti kuntratti ta' xogħlijiet pubbliċi bi proċedura negozjata mingħajr il-publikazzjoni minn qabel ta' avviż dwar il-kuntratt tal-UE *"fil-każ ma jiġu riċevuti ebda offerti jew offerti adattati ... **sakemm iż-żminijiet** oriġinali tal-kuntratt ma jkunux sostanzjament mibdula"*, u fl-ebda mument ma jissemmew il-kliem *"sakemm il-kundizzjonijiet"* kif erronjament sottomess mir-rikorrenti. Intant fil-verżjoni Ingliża nsibu *"provided that the initial terms"* u għaldaqstant kwalunkwe interpretazzjoni tal-verżjoni Ngliża trid

issir *in linea* ma' dik Maltija, tant li kif stabbilit fil-ġurisprudenza nostrana jekk kemm-il darba hemm lok ta' interpretazzjoni bejn il-bran Malti u dak Ingliż, dak fil-malti jegħleb dak fil-lingwa Ngliża (*vide* l-estratt relattiv tar-Regolament 72 tal-Avviż Legali 177 tal-2005 anness u mmarkat bħala Dok 'KSI 4');

18) Illi jsegwi għaldaqstant li l-proċedura ta' negozjati saret skont il-liġi tant li ma nibdlu l-ebda żminijiet oriġinali u dan kif ser jirriżulta waqt it-trattazzjoni tal-kawża.

19) Illi a dirittura u mingħajr preġudizzju għas-suespost, għandu jirriżulta wkoll li ma sar l-ebda tibdil sostanzjali fit-termini u l-entita' tat-*tender*, u l-fatt stess li sar tnaqqsi fil-prezz tas-soċjeta' Degremont A.A/CCC-CMR (France) minn erbgħa u tmenin miljun ewro (€84,000,000) għal ftit aktar minn seba' u ħamsin miljun ewro (€57,000.000) ma jfissirx neċessarjament li kien hemm xi bdil sostanzjali fit-termini u l-entita' tat-*tender*; u dan kollu kif ser jirriżulta waqt it-trattazzjoni tal-kawża.

20) Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, ma saru l-ebda irregolaritajiet, illegalitajiet u / jew restrizzjonijiet kif dedotti fil-premessa għoxrin (2) tas-soċjeta' rikorrenti. It-tidil fit-termini u l-kundizzjonijiet tat-*tender* li qed jiġi allegat mir-rikorrenti ma huwa xejn għajr kjarifikazzjoni li saret għal domandi mressqa minn offerenti oħra, u dan skont id-dispożizzjonijiet tad-dokumenti tat-*tender*, ossia sabiex l-offerti jsiru skont id-disinn u l-ispeċifikazzjinijiet tat-*tender* li kienu jeħtieġu *an attached growth process* mentri *traditional conventional activate sludge process* ma kinux skont ir-rekwiżiti tal-istess *tender* (*vide* kjarifikazzjonijiet ġja' annessi u mmarkati Dok 'KSI 1B'). Rilevanti tassew li wieħed jinnota li s-soċjeta' rikorrenti fl-ebda stadju qabel ma għalqet is-sejħa għall-offerti ma talbet xi kjarifika lid-Direttur intimat jew talbet għal xi rimedju pre-kuntrattwali

abbażi l-allegazzjoni tagħha li l-kundizzjonijiet tat-*tender* kienu diskriminatorji bejn l-operaturi ekonomiċi;

21) Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, il-Korporazzjoni intimata ma għamlet l-ebda aġir li permezz tiegħu kiser jew seta' kiser id-drittijiet tas-soċjeta' rikorrenti;

22) Illi, jekk is-soċjeta' rikorrenti sofriet xi danni, dan ma kienx bi ħtija tal-Korporazzjoni esponenti;

23) Illi l-*quantum* tad-danni allegatament sofferti mis-soċjeta' rikorrenti jeħtieġ li jiġi ppruvat

24) Illi l-Korporazzjoni intimata tissottometti umilment illi hija mxiet korettament u *ai termini* tal-liġi kif jista' jiġi ppruvat;

25) Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.

Għaldaqstant, in vista tas-suespost, il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma, titlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad it-talbiet tas-soċjeta' rikorrenti bħala nfondati kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt, bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' rikorrenti;

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tad-**Direttur tal-Kuntratti** li ġiet ippreżentata fis-7 ta' Diċembru 2009) fejn ġie eċċepit:

1) Illi preliminarjament ir-rikors ġuramentat huwa null u mingħajr effett fil-liġi peress li s-soċjeta' estera li għan-nom tagħha sar l-istess rikors m'hijiex reġistrata f'Malta u lanqas ma appuntat

mandatarju preżenti f'Malta biex jirrappreżentaha fil-proċeduri ġudizzjarji preżentati fil-Qorti Maltija;

2) Illi preliminarjament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, din l-azzjoni mhi xejn ħlief azzjoni a tenur tal-artikolu 469A tal-Kap 12 u għaldaqstant l-istess azzjoni hija perenta a tenur tal-artikolu 469 A (3) tal-Kap 12;

3) Illi mingħajr preġudizzju għas-suesposst u fil-mertu, it-talbiet tas-soċjeta' rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għalhekk l-istess għandhom jiġu miċħuda u dan għas-segwenti raġunijiet li ser jiġu elenkati mingħajr preġudizzju għal xulxin;

(i) Mhux kontestat li s-soċjeta' rikorrenti issottomettiet l-offerta tagħha fir-rigward għas-sejħa għall-offerti bl-isem Malta South Sewage Treatment Plant (Works) (CT 162/2007), li nħarġet fuq talba tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma *tramite* d-Dipartiment tal-Kuntratti;

(ii) Mhux kontestat li fis-seduta tas-27 ta' Marzu, 2008 il-Kumitat Ġenerali tal-Kuntratti rrakkomanda li l-proposti finanzjarji (prezzijiet) tat-*tenderers* Starbag AC-VA Tech Wabag GmbH Consortium u Degremount Sa/CCC-CMR għandhom jiġu ppubblikati;

(iii) Permezz ta' ittra datata 28 ta' Marzu, 2008 is-soċjeta' rikorrenti ġiet infurmata mill-eponent li t-*tender* tagħha ma kienux ser jibqa' kkunsidrat u dan għar-raġunijiet indikati fl-istess ittra.

(iv) Is-soċjeta' rikorrenti pero' mhix korretta fis-seba' u tmien premessa tagħha. Id-Direttur tal-Kuntratti ma rċieva l-ebda oġġezzjoni a tenur tar-Regolamenti dwar il-Kuntratti

Pubbliċi. Infatti l-oġġezzjoni valida tikkonsisti f'ittra li trid tkun akkupanjata b'depożitu ta' sommu ta' flus kif provdut fir-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubbliċi. Is-soċjeta' rikorrenti ppreżentat iżda dan ma kienx kumpanjat b'depożitu u għaldaqstant kien irreċevibbli;

(v) Is-soċjeta' rikorrenti kienet infurmata dwar id-dritt ta' appell b'ittra mibgħuta mill-esponenet fejn kienet infurmata li kellha sa l-4 ta' April, 2008 biex tintavola oġġezzjoni u l-ammont ta' depożitu kien ta' (tmienja u ħamsin elf Euro) €58,000.

Konsegwentement, l-esponent direttur ma rreferix l-ilment tas-soċjeta' rikorrenti mhux kapriċċozament, kif donnha trid tagħti l-impessjoni l-istess soċjeta', iżda għax kien prekluż mill-liġi nnifisha;

(vi) illi hawnhekk huwa importanti li jiġi sottolineat lis s-soċjeta' rikorrenti setgħet *ai termini* tar-Regolament 6 (4) tar-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubbliċi tattakka d-deċiżjoni msemmija fil-paragrafu preċedenti u ċjoe' meta ma rreferiex l-ilment lill-Bord tal-Appelli dwar il-Kuntratti Pubbliċi. Infatti dan ir-Regolament jagħti d-dritt lill kull min iħossu aggravat minn deċiżjoni tad-Direttur tal-Kuntratti li fi żmien tletin (30) ġurnata ta' xogħol minn meta dik id-deċiżjoni saret pubblika jippella quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri). Iżda s-soċjeta' rikorrenti lanqas hekk ma għamlet;

(vii) Illi kull offerent kien obbligat li jiffirma dikjarazzjoni illi fil-Klawsola numru 1 tal-istess hemm provdut li l-offerent eżamina u kien qed jaċċetta l-kontenut kollu tad-dossier għall-parteċipazzjoni fis-sejħa għall-offerti;

(viii) Referenza ssir għall-Klawsola 32.2 tal-volum 1 tal-Istruzzjonijiet lill-offerenti tat-*tender* dossier li tistipula biċ-ċar is-segwenti:

*"The Contracting Autority reserves the right to concude the contract with the successful tenderer within the limits of the funds. Should the prospective awardee's tender price exceed the available budget, the Contracting Authority reserves the right to negotiate with the relevant tenderer* *with a view to reducing the scope of the works or revising other terms of the contract in order to bring the tender price down to a level satisfactory to the Contracting Authority;"*

(ix) Huwa propju dan li seħħ fil-każ in kwistjoni. Kuntrarjament għal dak sostnut fl-għaxar premessa tar-rikors promotur, dawn in-negozjati ma wasslu għall-ebda bidla sostanzjali fit-termini u l-entita' tat-*tender* oriġinali. Il-fatt li l-prezz ta' Degremont tnaqqas minn erba' u tmenin miljun Euro (€84,000,000) għal ftit aktar minn seba' u ħamsin miljun Euro (€57,000,000) m'għandux iwassal awtomatikament għal tali konklużjoni. Fl-istadju tal-provi se jkun ippruvat li ma kien hemm ebda bidla sostazjali fit-termini u l-entita' tat-*tender* oriġinali;

(x) B'referenza għat-tnax (12) u t-tlettax (13)-il premessa ma saret l-ebda stedina mill-esponent lis-soċjeta' rikorrenti biex tappella li kienet illegali u *ultra vires*. Jibqa' l-fatt li s-soċjeta' rikorrenti kellha l-opportunita' li tappella d-deċiżjoni li permezz tagħha hija ġiet skwalifikata u hija naqset li tagħmel dan skont kif jipprovdu r-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubbliċi.

(xi) Relevanti hawnhekk ukoll li s-soċjeta' rikorrenti fl-edba stadju qabel ma għalqet is-sejħa għall-offerti ma talbet xi kjarifika lill-esponent jew talbet għal xi rimedju pre-kuntrattwali abbażi l-allegazzjoni tagħha li l-kundizzjonijiet tat-*tender* kienu diskriminatorji bejn l-operaturi ekonomiċi.

4. Illi in vista tas-seuespost *stante* li l-proċedura tas-sejħa għall-offerti in kwistjoni kienet in ottemperenza ma' dak li jipprovdu r-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubbliċi s-soċjeta' rikorrenti ma soffriet ebda danni u għaldaqstant ebda danni mhuma dovuti lill-istess soċjeta' rikorrenti.

5. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż konra s-soċjeta' rikorrenti.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tad-Direttur tal-Kuntratti u l-lista tax-xhieda.

Rat li fid-9 ta' Diċembru 2009 id-difensuri tas-soċjeta' attriċi ddikjaraw li l-azzjoni attriċi qatt ma kienet impostata bħala azzjoni ta' sħarriġ amministrattiv taħt l-Artikolu 469A tal-Kap 12, iżda dejjem kienet impostata bħala **azzjoni għad-danni**.

Rat li fid-9 ta' Diċembru 2009 ukoll, ġie nnominat l-**Assistent Ġudizzjarju** Dr Michael Camilleri għall-ġbir tal-provi tal-partijiet; fl-4 ta' Novembru 2010 ġie rrevokat l-inkarigu ta' Dr Michael Camilleri u ġie minflok innominat lil Dr Stefano Filletti bħala **perit legali**; fis-7 ta' Ottubru 2013 ġie rrevokat l-inkarigu ta' Dr Stefano Filletti peress li d-difensuri tal-partijiet qablu li jkun aħjar li l-kawża tinstema' mill-imħallef sedenti;

Rat ir-rikors tal-20 ta' Mejju 2011 ippreżentat mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma fejn talab li in vista tal-fatt li s-soċjeta' attriċi la għandha bażi Malta u lanqas mandatarju, tiġi ordnata tiddepożita l-ammont ta' €235,0000 jew ammont ieħor xieraq, in **kawtela** tal-ispejjeż. Rat id-digriet tagħha tal-14 ta' Ġunju 2011[1] li permezz tiegħu ċaħdet it-talba *stante* li mhix sorretta fil-liġi; iżda ordnat lis-soċjeta' attriċi tirregola ruħha *stante* li skont il-liġi Maltija għandu jkollha rappreżentant tagħha f'Malta.

Rat ir-rikors tal-24 ta' Ġunju 2011 ippreżentat mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma fejn talab lill-Qorti tipprefiġġi terminu qasir li matulu s-soċjeta' attriċi tiddikjara liema hija l-persuna inkarigata bħala l-**mandatarju speċjali** tagħha sabiex tirrappreżentaha fil-proċeduri odjerni. Rat id-digriet tagħha tas-7 ta' Settembru 2012[2] li permezz tiegħu, wara li rat id-deċiżjoni mogħtija fit-3 ta' Frar 2012 mill-Qorti tal-Appell fil-kawża fl-ismijiet *"Avukat Carmelo Castelli noe vs Focal Maritime Services"* (1465/01/RCP) laqgħet it-talba u pprefiġġiet terminu ta' 20 ġurnata min-notifika sabiex id-difensur tas-soċjeta' attriċi (Dr Adrian Delia) jiddikjara min hija l-persuna nkarigata bħala mandatarju speċjali tas-soċjeta' attriċi biex tirrappreżentaha fil-proċeduri odjerni. Huwa ta ruħu b'notifikat fit-22 ta' Novembru 2012, u ingħata 30 jum biex jaderixxi ruħu mad-digriet, jekk irid li l-kawża titkompla. Fil-21 ta' Diċembru 2012 is-soċjeta' attriċi ppreżentat rikors fejn talbet lil din il-Qorti tirrevoka *contrario imperio* d-digriet tagħha tas-7 ta' Settembru 2012 *stante* li la fil-liġi u lanqas fil-każistika ma jirriżulta l-obbligu li hija (bħala soċjeta' estera) għandha tkun rappreżentata minn mandatarju speċjali. Rat id-digriet tagħha tal-15 ta' Lulju 2013[3] fejn għar-raġunijiet mogħtija fis-sentenza tas-16 ta' Lulju 2012 mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża fl-ismijiet

[1] RCP, fol 164
[2] RCP, fol 194
[3] JA, fol 231

*"Mediterranea Distribuzione Srl vs Dr Richard Galea Debono"* 443/2011/JZM, laqgħet ir-rikors tal-21 ta' Diċembru 2012 tas-soċjeta' attriċi, u rrevokat id-digriet tagħha (diversament preseduta) tas-7 ta' Settembru 2012.

Rat id-dokumenti ppreżentati (inkluż affidavits);

Semgħet ix-xiehda prodotta;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-proċess;

**<u>EĊĊEZZJONIJIET PRELIMINARI</u>**

Illi din il-Qorti ser tibda biex tikkunsidra l-eċċezzjonijiet preliminari sollevati miż-żewġ konvenuti, fl-ordni tal-importanza tagħhom.

***(A) <u>In-nullita' (o meno) tar-rikors promutur</u>***

Illi kemm id-Direttur tal-Kuntratti (fl-ewwel eċċezzjoni tiegħu) kif ukoll il-Korporazzjoni Għas-Servizzi tal-ilma (fil-ħames eċċezzjoni tagħha) issollevaw in-nullita' tar-rikors promutur *stante* li s-soċjeta' attriċi hija soċjeta' estera li mhix reġistrata Malta u ma appuntatx mandatarju speċjali preżenti f'Malta sabiex jirrappreżentaha fil-proċeduri ġudizzjarji odjerni.

Din il-Qorti tagħmel riferenza għall-pożizzjoni li ħadu l-Qrati tagħna f'ċirkostanzi simili.

*(i)* ***"Commonwealth Educational Society Ltd[4] vs Adriana Camilleri"*** *– deċiża fit-2 ta' Ġunju 2003 mill-Qorti tal-Appell*

[4] soċjeta` reġistrata fil-Bahamas

*Inferjuri, Imħallef Philip Sciberras:*

*"... min jippreżenta att ġudizzjarju jrid ikun preżenti fil-ġurisdizzjoni Maltija fil-mument tal-preżentazzjoni tal-att u jekk ma jkunx, allura l-att għandu jiġi preżentat permezz ta' mandatarju jew prokuratur. Jekk dan ma jsirx l-att jiġi ritenut null. Il-Qrati tagħna kienu jakkordaw biss ċerta liberalita' ta' ġudizzju fejn wara l-preżentata valida tal-att promutur, dak li jkun jassentixxi ruħu temporanjament fil-kors tal-proċeduri u fl-intervall jiġu intavolati atti oħra f'ismu. F'każijiet analogi, kif bosta drabi ritenut, il-mandat tal-avukat jew prokuratur legali ma jispiċċax u lanqas jiġi sospiż bis-safar tal-mandanti. U allura dawn, in forza tal-Artikolu 180, jistgħu jippreżentaw skritturi għall-mandanti tagħhom."*

*(ii)* **"Lovers Transportainment B.V[5]. vs George Smith et"** - *deċiża fil-25 ta' Jannar 2011 mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, Imħallef G. Caruana Demajo:*

*"L-ewwel eċċezzjoni tgħid illi s-soċjeta' attriċi ma hijiex preżenti f'Malta u għalhekk ma tistax tiftaħ kawża quddiem il-Qrati ta' Malta.*

*Kawża quddiem il-Qrati ta' Malta tista' tinfetaħ mhux biss minn min għandu domiċilji f'Malta iżda wkoll minn barranin li ma jkunux preżenti f'Malta basta jkollhom xi ħadd f'Malta li jidher għalihom. Dan joħroġ mill-Artikolu 181(1)(a) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċeduri Ċivili.*

*Fil-każ ta' llum għas-soċjeta' attriċi jidher l-Avukat Kris Borg li ippreżenta r-rikors u ħalfu f'isimha. Il-fatt illi l-isem tal-*

[5] Soċjeta` reġistrata fl-Olanda

*prokuratur ma jidhirx fl-occhio tal-kawża ma jagħmilx differenza għax hija l-persuna rappreżentata, mhux ir-rappreżentant, li hija parti fil-kawża u li isimha għalhekk għandu jidher fl-occhio.*

*L-ewwel eċċezzjoni hija għalhekk ħażina u hija miċħuda…"*

*(iii)* ***"Avukat Carmelo Castelli noe vs Focal Maritime Services Ltd****"* - deċiża fit-*3 ta' Frar 2012 mill-Qorti tal-Appell Superjuri:*

*"Illi dan huwa provvediment fuq talba ta' Dr Anna Mallia, magħmul b'rikors tat-23 ta' Awwissu 2011, biex jiġi revokat id-digriet tas-7 ta' Ottubru 2005, li bih inħatret mandatarja speċjali tas-soċjetajiet esteri* Commercial Italian American Organisation *(CIAO) u* Trident s.r.l.*, u l-istess soċjetajiet esteri*[6] *jibqgħu fil-kawża f'isimhom biss. Dan qed tissottometti li jista' jsir fid-dawl ta' diversi Regolamenti tal-Unjoni Ewropea li jikkontemplaw ftuħ ta' kawżi u eżekuzzjoni ta' sentenzi min jew kontra persuni residenti f'pajjiżi differenti, membri tal-Unjoni Ewropea.*

*Hu veru li d-diversi Regolamenti jippermettu li partijiet mhux domiċiljati Malta jistgħu jressqu kawżi f'Qorti estera jew anke quddiem il-Qrati Maltin kontra persuni residenti Malta, u vice versa, u l-atti ta' kawża miftuħa f'pajjiż jistgħu u għandhom jiġu servuti fuq il-persuna nfisha hekk residenti f'pajjiż ieħor, iżda l-metodoloġija kif dan isir tiġi regolata mill-pajjiż fejn tinfetaħ jew tiġi enforzata kawża. Issa fil-kuntest Malti l-liġi trid li kawża tinfetaħ b'rikors li jrid jiġi maħluf mill-attur jew wieħed mill-atturi. Il-liġi trid ukoll li min jiftaħ jew jiddefendi kawża jrid ikun preżenti f'Malta, tal-anqas waqt is-smigħ tal-każ, u f'każ ta' persuna assenti jkollhom jinħatru kuraturi kif jiddisponi l-Artikolu 929 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.*

[6] jidher li dawn is-soċjetajiet huma reġistrati fl-Italja

*L-Artikolu 930 jgħid ukoll li l-ħatra ta' kuraturi tista' ssir fis-smigħ tal-kawża meta din il-ħatra ssir meħtieġa wara li tkun bdiet il-kawża; il-ħatra ta' kuraturi ssir "fl-interess ta' nies assenti" fost ċirkostanzi oħra.*

*F'każ ta' soċjeta', avolja din tista' taġixxi u tiġi ċitata f'kawża f'isimha biss, jeħtieġ ukoll li jkun hawn Malta persuna fiżika li jirrappreżentaha, għax jekk il-persuna jew persuni li jkunu mogħtija r-rappreżentanza tas-soċjeta' jew tal-għaqda jkunu assenti minn Malta, l-Artikolu 929(d) tal-Kodiċi imsemmi jesiġi l-ħatra ta' kuraturi biex jirrappreżentaw lill-istess soċjeta'; dan il-provvediment tal-liġi jgħodd ukoll għal "kull għaqda ta' persuni jew organizzazzjoni oħra" kif jaqgħu li jkunu klassifikati żgur is-soċjetajiet attriċi f'dan il-każ.*

*Dan ifisser li s-soċjeta' estera tista' żgur tiftaħ kawżi hawn Malta, pero' trid tkun rappreżentata minn xi persuna residenti Malta jekk ma tridx li jinħatru kuraturi biex jirrappreżentawha (ara wkoll l-Artikolu 180(1)(a) tal-Kodiċi msemmi). Din il-Qorti, Sede Inferjuri, fil-kawża <u>Commonwealth Educational Society Ltd vs Camilleri</u>, deċiża fit-2 ta' Ġunju 2003, kienet ukoll osservat li kawża istitwita minn soċjeta' estera hija nulla jekk din ma jkollhiex rappreżentanza lokali.*

*F'dan il-każ kienu s-soċjetajiet attriċi stess li talbu li tinħatar Dr Anna Mallia bħala "mandatarja speċjali" tagħhom, u l-avukat aċċettat li hekk tinħatar: l-ewwel Qorti b'digriet tas-7 ta' Ottubru 2005, laqgħet it-talba. Din il-Qorti mhux qed tgħid li Dr Mallia ma tistax tirrinunzja għall-mandat speċjali li ngħatalha, pero' mhux biss trid terfa' r-responsabbilta' legali għal dan, iżda s-soċjetajiet attriċi jkunu jridu jaħtru rappreżentant ieħor jew oħra biex ikunu jistgħu jissoktaw bl-appell tagħhom.*

*Kawża f'Malta tista' tinfetaħ u titkompla minn barranin, basta jkollhom xi ħadd f'Malta li jidher għalihom, u dan il-prinċipju ta' proċedura Malti ma ġiex b'xi mod mittiefes jew mibdul wara d-dħul ta' Malta bħala stat membru fl-Unjoni Ewropea."*

*(iv)* **"Mediterranea Distribuzione Srl**[7] **vs Dr Richard Galea Debono bħala stralċarju ta' IFIX Trade Ltd"** - *deċiża fis-16 ta' Lulju 2012 mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, Imħallef J. Zammit McKeon:*

*"L-eċċezzjoni hija ppernjata fuq il-pretenzjoni tal-konvenut illi għax is-soċjeta' attriċi hija soċjeta' estera trid tkun rappreżentata minn persuna fiżika ġewwa Malta. U jiċċita favur tiegħu l-Art. 181 tal-Kap 12.*

*Huwa paċfiku bħala fatt, hekk jirriżulta anke mill-occhio, illi l-kumpanija attriċi hija soċjeta' di responsablita' limitata (għalhekk is-sigla "srl") u hija reġistrata fl-Italja. Huwa wkoll paċifiku illi meta saret din il-kawża, u anke llum, id-diretturi tagħha ma kinux residenti Malta u m'għandhiex aġent tagħha f'Malta.*

*Din il-Qorti qieset b'reqqa dak illi jgħid l-Artikolu 181 tal-Kap 12 u mill-analiżi li għamlet, ma sabet imkien f'dik id-dispożizzjoni l-pretenzjoni tal-konvenut illi persuni assenti minn Malta jridu jkunu rappreżentati minn prokuratur. Infatti l-Art. 181 jittratta dwar skritturi preżentat minn Ministru jew minn uffiċjal pubbliku.*

*Id-dispożizzjoni li tittratta skritturi li jiġu preżentat minn jew kontra korp b'personalita' ġuridika distinta hija l-Art. 181A li inter alia jaqra hekk –*

[7] soċjeta` reġistrata fl-Italja

*(1) Meta tiġi preżentata skrittura minn jew kontra korp li jkollu personalità ġuridika distinta, ikun biżżejjed li wieħed iniżżel isem dak il-korp.*

*(2) Kull dikjarazzjoni, jew skrittura li għandha tinħalef skont il-liġi għandha, fil-każ ta' korp li jkollu personalità ġuridika distinta, tinħalef mill-persuna jew persuni li jkollhom ir-rappreżentanza ġuridika ta' dak il-korp jew minn kull segretarju tal-kumpannija jew minn kull persuna oħra li tkun awtorizzata bil-miktub minn dak il-korp sabiex tippreżenta atti ġudizzjarji f'ismu jew li jagħmel dikjarazzjoni, risposta ġuramentata jew skrittura bħal dawk imsemmija ...*

*Fil-kaz tal-lum, ma jirriżulta li sar xejn diversament. Infatti l-identita' tal-kumpanija attriċi skont is-sub-artikolu (1) tirriżulta. U daqstant ieħor mhux kontestat illi Barbara Ferrigno (illi xehdet fil-kawża) kienet awtorizzata illi tikkonferma bil-ġurament ir-rikors promotorju skont is-sub-artikolu (2).*

*Is-sustanza tal-eċċezzjoni ddur kollha kemm hi mal-kwistjoni jekk matul il-kors tal-kawża huwiex neċessarju li tkun rappreżentata għall-fini tal-prosegwiment tal-kawża minn persuna fiżika preżenti ġewwa Malta. Din il-Qorti ma tarax illi hemm preġudizzjali ta' din ix-xorta li jżomm l-iter tal-kawża milli jkompli.*

*Ta' llum m'huwiex każ illi jinvolvi l-ħatra ta' kuraturi. Il-ħatra tagħhom hija regolata bl-Artikolu 929 et seq tal-Kap 12. Minn eżami ta' dawn id-dispożizzjonijiet, fosthom il-paragrafu (d) tal-Art. 929, ma hemmx il-kwistjoni li speċifikatament qegħda tiġi sollevata mill-konvenut bl-eċċezzjoni tiegħu. Dan apparti illi, fi kwalunkwe każ, matul il-kawża, ħadd mill-partijiet ma talab il-*

*ħatra ta' kuraturi skont l-Artikolu 930 tal-Kap 12.*

*Dwar il-kwistjoni tal-ispejjeż tal-kawża illi għalihom hemm riferenza fl-istess eċċezzjoni, din il-Qorti tagħmel żewġ konsiderazzjonijiet.*

*Fl-ewwel lok, il-kumpanija attriċi hija soċjeta' reġistrata fl-Italja li huwa Stat Membru tal-UE. Mela, jekk unikament u sempliċiment għall-grazzja tal-argument u xejn iżjed, fil-kawża ta' llum tingħata deċiżjoni finali fejn l-ispejjeż ġudizzjarji jiġu akkollati in toto jew in parte lill-kumpanija attriċi, il-konvenut ikollu kull jedd jesegwixxi s-sentenza direttament kontra l-kumpanija attriċi ġewwa l-Italja jew fi Stat ieħor Membru tal-UE abbażi tal-Council Regulation (EC) No 44/2001 of 22 December 2000 on jurisdiction and the recognition and enforcement of judgments in civil and commercial matters.*

*Fit-tieni lok, hija paċifika l-ġurisprudenza illi r-relazzjoni li tgħaddi bejn kljent u l-avukat jew il-prokuratur legali li jqabbad għall-affarijiet tiegħu ġudizzjarji huwa dak ta' mandat (ara – Kollez. Vol. XXIX.i.617). Il-mandat huwa speċjali għall-finijiet tal-kawża (ara – Kollez. Vol. X.301 u Vol XIX.i.129). Mela jekk il-kwistjoni tkun dik ta' kundanna ta' ħlas in toto jew in parte ta' spejjeż ġudizzjarji mill-kumpanija attriċi, wara sentenza fil-kawża ta' llum li tgħaddi in ġudikat, il-konvenut għandu wkoll rimedju kontra l-mandatarji tal-kumpanija attriċi li jkunu qegħdin jidhru għaliha bħala legali fil-kawża ta' llum."*

(v) ***"Zealand Holdings Inc[8]. vs Il-bank esteru Amsterdam Trade Bank N.V.[9]"*** *– deċiża fid-29 t'April 2014 mill- Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, Imħallef M. Chetcuti:*

---
[8] soċjeta` registrata fil-Liberja
[9] soċjeta` reġistrata fl-Olanda

*"Dan ma jfissirx pero' illi jekk parti tinsab sprovvista minn rappreżentanza f'Malta, allura dan iwassal immedjatament għal nullita' tal-proċeduri. Din in-nullita' mhix imposta u anqas tirriżulta mil-liġi. B'daqshekk ma jfissirx pero' illi sitwazzjoni simili tista' titħalla jew tiġi permessa u l-kawża tkompli miexja. Li kieku l-kwistjoni tar-rappreżentanza tirrigwarda l-konvenut, il-liġi tagħti indikazzjonijiet ċari dwar x'jista' jsir biex il-proċeduri jitkomplew għax wara kollox hu primarjament fl-interess tal-attur li l-proċeduri jitkomplew fil-konfront tal-persna li kontra tiegħu tkun saret il-pretenzjoni. Il-liġi tagħti l-fakolta' tan-nomina ta' kuraturi biex jirrappreżentaw lill-assenti. Fil-każ invers pero', meta l-attur innifsu hu assenti, hu fl-interess tiegħu sabiex juri l-interess ġuridiku tiegħu li jeħtieġ li l-atti jiġu proċeduralment korretti biex jiġi sodisfatt l-interess reali tal-istess attur fl-azzjoni u jiġi assigurat fost affarijiet oħra illi f'Malta hawn rappreżentant li jista' jippreżenta atti fil-Qorti jew jirċievi jew jiġi notifikat bl-atti u ordnijiet jew digrieti tal-Qorti u jiġu salvagwardjati spejjeż ġudizzjarji skont l-Artikolu 1005 tal-Kap 12 (ara f' dan is-sens "Commonwealth Educational Society vs Camilleri", Appell Inferjuri tat-2 ta' Ġunju 2003).*

*Il-każ sub iudice mhux wieħed fejn l-attur hu ċittadin u enti li tifforma parti minn pajjiż parti mill-Unjoni Ewropea, fejn jistgħu jitqajmu argumenti dwar in-neċessita' tal-preżenza fisika o meno tal-parti jew rappreżentant tagħha, peress li f'dan il-każ is-soċjeta' attriċi u d-direttur li ħalef ir-rikors ġuramentat huma minn barra l-Unjoni Ewropea.*

*Il-Qorti tqis li l-preżenza f'forma ta' mandatarju hi neċessarja għall-prosegwiment tal-kawża biex l-atti jkunu korretti u d-drittijiet u obbligi tal-partijiet jiġu salvagwardati pero' l-Qorti*

*ma taqbilx li f'dan l-istadju wara li l-kawża ġiet preżentata kif trid il-liġi, in-nuqqas ta' mandatarju li jirrappreżenta s-soċjeta' attriċi jista' jwassal per se għan-nullita' tal-proċeduri, għalkemm jista' xorta jagħti lok għal provvedimenti oħra mill-Qorti biex il-pożizzjoni tiġi regolarizzata jew determinata fin-nuqqas."*

(vi) ***"Chadborn Holdings Ltd*[10] *vs Cashpoint (Malta) Ltd"*** *– deċiża fil-21 ta' Frar 2017 mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, Imħallef A. Felice:*

*"Mill-atti tal-kawża jirriżulta li għall-preżentata tal-att promotur kien preżenti hawn Malta rappreżentant tas-soċjeta' attriċi in kwantu li r-rikors ġie maħluf minnu. Is-soċjeta' konvenuta m'hijiex teċċepixxi li kien hemm xi irregolarita fil-mod illi ġie ppreżentat ir-rikors ġuramentat tas-soċjeta' attriċi iżda li l-proċeduri ma jistgħux jitkomplew sakemm jinħatar mandatarju speċjali sabiex jirrappreżenta lis-soċjeta' attriċi li kif diġa' ngħad hija soċjeta' estera rreġistrata fil-British Virgin Islands. F'dan il-każ ma ġiex muri li xi rappreżentant tagħha jinsab Malta. Il-Qorti tirreleva illi dawn il-Qrati kienu konsistenti dwar il-bżonn li parti f'kawża, jekk mhux preżenti f'Malta, trid tkun rappreżentata minn persuna f'Malta u tidher għaliha.*

*…*

*Fil-każ tal-lum is-soċjeta' konvenuta m'hijiex tikkontesta l-validita' tal-att promotur. Madanakollu kif inhuwa stabbilit, il-preżenza ta' mandatarju hija neċessarja għall-prosegwiment tal-kawża sabiex l-atti jkunu korretti u d-drittijiet u obbligi rispettivi tal-partijiet jiġu salvagwardati. In kwantu li ma ġiex muri li r-rappreżentant tas-soċjeta' attriċi huwa preżenti hawn*

[10] soċjeta` inkorporata fil-British Virgin Islands

*Malta, it-tieni eċċezzjoni tas-soċjeta' konvenuta hija tajba u ser tiġi milqugħa.*

*...*

*Tilqa' t-tieni eċċezzjoni preliminari tas-soċjeta' konvenuta b'dan illi tiddikjara li l-kawża ma tistax titkompla sakemm is-soċjeta' attriċi taħtar mandatarju speċjali sabiex jirrappreżentaha f'Malta waqt l-andament tal-kawża u għaldaqstant, tiddiferixxi l-kawża għas-27 ta' April fid-9.30 ta' filgħodu sabiex is-soċjeta' attriċi tagħti tagħrif lill-Qorti f'dan ir-rigward. Fin-nuqqas, il-Qorti tirriżerva li tieħu l-provvedimenti opportuni."*

Illi kif wieħed jista' josserva, l-Qrati tagħna mhux dejjem kienu tal-istess fehma meta soċjeta' estera tintavola kawża fil-qrati maltin u ma tkunx appuntat persuna residenti f'Malta bħala mandatarju speċjali biex jirrappreżentaha.

Tant hu hekk li (kif fuq spjegat) id-digriet mogħti minn din il-Qorti fis-7 ta' Settembru 2012 fejn abbażi tal-insenjament tal-Qorti tal-Appell Superjuri fil-kawża *"Castelli noe vs Focal Maritime Services"* (deċiża fit-3 ta' Frar 2012) ordnat lid-difensur tas-soċjeta' attriċi biex jiddikjara min hija l-persuna nkarigata bħala mandatarju speċjali biex jirrappreżenta lis-soċjeta' attriċi Costruzioni Dondi fil-proċeduri odjerni, u fejn fin-nuqqas iddikjarat li kienet ser tieħu l-provvedimenti opportuni, ġie **revokat *contrario imperio*** fil-15 ta' Lulju 2013 permezz ta' digriet ieħor abbażi tal-insenjament tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, diversament preseduta, fil-kawża *"Mediterranea Distribuzione srl vs Dr Richard Galea Debono bħala stralċjarju ta' IFIX Trade Ltd"* (deċiża fis-16 ta' Lulju 2012).

Il-konvenuti fis-sottomissjonijiet finali tagħhom baqgħu jisħqu fuq l-eċċezzjonijiet relattivi tagħhom, u ċjoe' li r-rikors promutur huwa null *stante* li sar minn kumpanija reġistrata barra minn Malta (u ċjoe'

assenti minn Malta) mingħajr ma ħatret mandatarju speċjali biex jidher għaliha.

Din il-Qorti filwaqt li taddotta u tagħmel tagħha l-insenjament ta' din il-Qorti, diversament preseduta, fis-sentenza fir-rigward tal-kawża fl-ismijiet: *"Mediterranea Distribuzione srl vs Dr Richard Galea Debono bħala stralċjarju ta' IFIX Trade Ltd"* (deċiża fis-16.07.2012), tibqa' żżomm ferma l-pożizzjoni tagħha tal-15 ta' Lulju 2013 u tqis bħala l-mandatarji tas-soċjeta' attriċi lill-konsulenti legali tagħha. Taċċenna għall-fatt li s-soċjeta' attriċi stess dejjem iddikjarat ***"li fil-kawża odjerna qed jidhru għas-soċjeta' attriċi l-konsulenti legali tagħha"***[11] u kif ġie ritenut fis-sentenza fir-rigward tal-kawża fl-ismijiet: *"Lovers Transportainment BV vs George Smith et"* (deċiża 25.01.2011), ma jagħmilx differenza l-fatt li isem il-konsulenti tagħha (li ffirmaw ir-rikors promutur) ma jidhirx fl-*occhio*.

**Għaldaqstant l-ewwel (1) eċċezzjoni tad-Direttur tal-Kuntratti u l-ħames (5) eċċezzjoni tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma qegħdin jiġu miċħuda**.

***(B) <u>L-iskadenza (o meno) tal-azzjoni</u>***

Kemm id-Direttur tal-Kuntratti (fit-tieni eċċezzjoni tiegħu) kif ukoll il-Korporazzjoni Għas-Servizzi tal-ilma (fis-sitt eċċezzjoni tagħha) issollevaw l-iskadenza tal-azzjoni. Iż-żewġ konvenuti isostnu li l-azzjoni odjerna hija fil-fatt azzjoni a tenur **tal-Artikolu 469A tal-Kap 12** u li hija perenta a tenur tal-Artikolu 469A(3)[12].

Fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha kull ma kellha xi tgħid is-soċjeta'

[11] Vide ir-risposta tagħha tas-**26 ta' Lulju 2011** (fol 190-191) għar-rikors tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma tal-24 ta' Ġunju 2011, u wkoll ir-rikors tagħha tal-**21 ta' Diċembru 2012** (fol 205-208), fiż-żewġ każijiet iffirmati mill-konsulenti legali tagħha stess.

[12] Jidher li bi żvista l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma fis-sitt eċċezzjoni tagħha indikat l-Artikolu 469A(6) flok l-Artikolu 469A(3). Dan qed jingħad għaliex huwa l-Artikou 469A(3) u mhux (6) li jistipula ż-żmien li fih għandha tiġi ntavolata kawża biex twaqqa' egħmil ammnistrattiv taħt dan l-artikolu.

attriċi fir-rigward kien li l-imsemmija eċċezzjoni *"ġiet sorvolata u ingħatat kjarifika seduta stante*" fid-9 ta' Diċembru 2009 fejn ġie vverbalizzat hekk:

*"L-avukati difensuri tas-soċjeta' attriċi ddikjaraw li l-azzjoni attriċi qatt ma kienet impostata bħala azzjoni ta' stħarriġ ammnistrattiv (Art 469) iżda kienet dejjem impostata bħala azzjoni ta' danni".*

Iż-żewġ konvenuti, *invece* fin-noti ta' sottomissjonijiet rispettivi tagħhom, jargumentaw bil-qawwa kollha illi l-azzjoni odjerna hija effettivament u neċessarjament waħda *ai termini* tal-Artikolu 469A tal-Kap 12, u li konsegwentement, ġialadarba ma saritx fiż-żmien ta' sitt xhur minn meta s-soċjeta' attriċi kellha interess issir taf, jew setgħet issir taf bl-egħmil amministrattiv lamentat minnha, l-azzjoni hija allura perenta.

**L-Artikolu 469A** tal-Kap 12 jipprovdi hekk:

*(1) Ħlief hekk kif provdut mod ieħor bil-liġi, il-qrati tal-ġustizzja ta' kompetenza ċivili għandhom ġurisdizzjoni biex jistħarrġu l-validita' ta' xi egħmil amministrattiv jew li jiddikjaraw dak l-egħmil null, invalidu jew mingħajr effett fil-każijiet li ġejjin biss:*

*(a) meta l-egħmil amministrattiv jikser il-Kostituzzjoni;*

*(b) meta l-egħmil amministrattiv ikun ultra vires għal xi raġuni minn dawn li ġejjin:*

*(i) meta dak l-egħmil jitwettaq minn awtorita' pubblika li ma tkunx awtorizzata sabiex twettqu; jew*

*(ii) meta l-awtorita' pubblika tkun naqset milli tosserva l-prinċipji tal-ġustizzja naturali jew ħtiġiet proċedurali mandatorji fit-twettiq tal-egħmil amministrattiv jew fid-*

*deliberazzjonijiet ta' qabel dwar dak l-egħmil; jew*

*(iii) meta l-egħmil amministrattiv jikkostitwixxi abbuż tas-setgħa tal-awtorita' pubblika billi dan isir għal għanijiet mhux xierqa jew jissejjes fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti;*

*(iv) meta l-egħmil amministrattiv ikun imur mod ieħor kontra l-liġi.*

*(2) F'dan l-artikolu –*

*"egħmil amministrattiv" tfisser il-ħruġ ta' kull ordni, liċenza, permess, warrant, deċiżjoni jew ir-rifjut għal talba ta' xi persuna li jsir minn awtorita' pubblika, iżda ma tinkludix xi ħaġa li ssir bl-għan ta' organizzazzjoni jew amministrazzjoni nterna fl-istess awtorita':*

*Iżda, ħlief f'dawk il-każijiet fejn il-liġi tistabbilixxi perijodu li fih awtorita' pubblika tenħtieġ tagħti deċiżjoni, meta ssir talba bil-miktub minn persuna li tiġi notifikata lill-awtorita' u din l-awtorita' tibqa' ma tagħtix deċiżjoni dwar dik it-talba, dak in-nuqqas għandu, wara xahrejn minn dik in-notifika, jikkostitwixxi rifjut għall-finijiet ta' din it-tifsira;*

*"awtorita' pubblika" tfisser il-Gvern ta' Malta, magħdudin il-Ministeri u dipartimenti tiegħu, awtoritajiet lokali u kull korp magħqud kostitwit permezz ta' liġi.*

*(3) Kawża biex twaqqa' egħmil amministrattiv taħt is-sub-artikolu (1)(b) għandha ssir fi żmien sitt xhur minn meta min ikollu interess isir jaf jew seta' jsir, jaf, skont liema jiġi l-ewwel, b'dak l-egħmil amministrattiv.*

(4) *Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu ma għandhomx japplikaw meta l-mod ta' kontestazzjoni jew ta' ksib ta' rimedju dwar xi att amministrattiv partikolari quddiem qorti jew tribunal jiġi provdut dwaru f'xi liġi oħra.*

(5) *F'azzjoni li ssir bis-saħħa ta' dan l-artikolu l-attur ikun jista' jinkludi fit-talbiet tiegħu talba għall-ħlas tad-danni li tkun imsejsa fuq ir-responsabbilta' allegata tal-awtorita' pubblika li tkun għamlet delitt jew kważi delitt li joħroġ mill-att amministrattiv. Dawk id-danni ma għandhomx jingħataw mill-qorti meta minkejja l-annullament tal-att amministrattiv l-awtorita' pubblika ma tkunx aġixxiet in mala fede jew b'mod mhux raġonevoli jew meta l-azzjoni mitluba mill-attur setgħet legalment u raġonevolment ġiet miċħuda taħt kull setgħa oħra.*

(6) *Għall-finijiet ta' dan l-artikolu, u ta' kull dispożizzjoni oħra ta' din il-liġi u ta' kull liġi oħra, servizz mal-Gvern hu rapport speċjali regolat b'dispożizzjonijiet speċjali speċifikatament applikabbli għalih u bil-pattijiet u l-kondizzjonijiet stabbiliti minn żmien għal żmien mill-Gvern, u ebda liġi jew dispożizzjoni tagħha dwar kondizzjonijiet ta' mpieg jew kuntratti ta' servizz jew ta' impieg ma tapplika, u qatt ma kienet tapplika, għal servizz mal-Gvern ħlief safejn dik il-liġi ma tipprovdix xort'oħra."*

Illi din il-Qorti sejra tiċċita mill-insenjament tal-qrati maltin f'kawżi fejn kienet inqalgħet kwistjoni simili: u ċjoe' il-kwistjoni dwar taħt liema liġi għandha titqies li tinkwadra azzjoni għad-danni intavolata kontra l-Gvern minħabba allegazzjoni li l-proċeduri segwiti fil-proċess ta' sejħa għall-offerti għal appalt pubbliku tmexxew b'mod irregolari.

*(i)* ***"Roberto Zamboni nomine vs Direttur tal-Kuntratti et"*** - *deċiża fil-31 ta' Mejju 2002 mill-Qorti tal-Appell Superjuri*

*"L-appellanti fir-rikors tal-appell isostnu li minn eżami tal-att taċ-ċitazzjoni 'għandu jkun ovvju li l-azzjoni prinċipali tal-esponenti hija dik prevista mill-Artikoli 1031 u 1033 tal-Kodiċi Ċivili, u ċjoe' hija azzjoni normali għad-danni'*

*...*

*Din il-Qorti għalhekk xejn ma tikkondividi s-sottomissjonijiet attriċi li hawn si tratta ta' 'azzjoni normali għad-danni, spettanti lil kull min isofri ħsara mill-aġir kolpuż ta' ħaddieħor.' Anke d-diċitura li tanima l-aħħar premessa tagħhom fl-att taċ-ċitazzjoni turi biċ-ċar li dak li qed jissottomettu l-appellanti huwa żbaljat. Meta l-atturi jsemmu bħala kawżali li 'fi kwalunkwe każ l-aġir tal-konvenut jikkostitwixxi abbuż u eċċess ta' poter' huwa wisq ovvju li, kif il-kwistjoni hija regolata b'liġi speċjali (għal liema jirreferu espressament l-atturi stess) li hawn si tratta ta' allegat abbuż u eċċess ta' indole amministrattiva. Issa in forza tal-Artikolu 469A tal-Kap 12, kif ġie fis-seħħ bl-Att numru IV tal-1996, stħarriġ ġudizzjarju ta' azzjoni amministrattiv jaqa', fil-każijiet applikabbli, fil-ġurisdizzjoni tal-Qrati Ċivili.*

*....*

*Fil-fehma konsiderata ta' din il-Qorti ma hemm xejn x'juri sodisfaċentement li primarjament – u del resto lanqas subordinatament – l-azzjoni attriċi kif magħmula hija tassew imsejsa fuq l-Artikoli 1031 u 1033 tal-Kodiċi Ċivili. Jekk stess kellhom dan f'moħħhom l-atturi appellanti ma jinsabx u ma ġiex rifless fl-att taċ-ċitazzjoni li huma ppreżentaw."*

***(ii)*** ***"Dragonara Gaming Ltd vs Il-Ministru tal-Finanzi et"*** *- deċiża fis-27 t'Ottubru 2017 mill-Qorti tal-Appell Superjuri:*

*"Il-konvenuti eċċipew in linea preliminari illi l-azzjoni attriċi hija ta' stħarriġ ġudizzjarju ta' egħmil amministratti u,*

*għalhekk, hija preskritta bid-dekors ta' sitt xhur skont kif stabbilit fl-Artikolu 469A (3) tal-qabel indikat Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*L-ewwel Qorti osservat li l-azzjoni attriċi kif maħsuba u mfassla ma saritx skont l-Artikolu 469A u kwindi ċaħdet l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni.*

*Il-konvenuti awtoritajiet governattivi ressqu appell fejn jissottomettu illi l-azzjoni attriċi, issejħilha kif issejħilha s-soċjeta' attriċi, hija, fil-fatt, waħda ta' stħarriġ ġudizzjarju u allura soġġetta għat-terminu ta' dekadenza skont l-Artikolu 469A (3) imsemmi. Ma' dan l-appell qablet is-soċjeta' konvenuta, iżda mhux ukoll dik attriċi li ssostni l-korrettezza tad-deċiżjoni tal-ewwel Qorti.*

*Trattat dan il-punt, din il-Qorti tinnota li n-natura tal-azzjoni ma tiddependix fuq kif jogħbu jsejħilha l-attur, iżda din għandha tinftiehem min-natura tal-ilment, min-natura tal-egħmil li dwaru saret il-kawża, kif ukoll in-natura tar-rimedju mitlub mill-istess attur. Fil-fehma tal-Qorti dak li sar mill-gvern intimat jaqa' li jitqies bħala egħmil amministrattiv skont il-liġi, li fid-definizzjoni ta' din il-frażi bħala egħmil amministrattiv skont il-liġi, li fid-definizzjoni ta' din il-frażi tkopri kull deċiżjoni li ssir minn awtorita' pubblika. Din id-deċiżjoni qed tiġi attakkata qed tiġi attakkata fuq bażi ta' diversi raġunijiet li jaqgħu fil-każijiet imsemmija fl-Artikou 469A (1). Fil-fatt dan is-subartikolu jipprovdi illi l-egħmil amministrattiv jista' jiġi attakkat jekk ikun ultra vires għal xi raġuni, fost oħrajn li ma jkunux ġew segwiti l-prinċipji ta' ġustizzja naturali jew ħtiġijiet proċedurali mandatarji li jkopri l-ilmenti ta' aġir vizzjat u mhux trasparenti, li l-egħmil amministrattiv jikkostitwixxi abbuż tas-setgħa, li jkopri l-ilmenti ta' abbużi u mala fede, u li l-istess*

*għemil ikun kontra l-liġi, li tkopri sitwazzjonijiet fejn l-egħmil ikun irraġonevoli jew kontra d-dettami tas-sewwa u tar-raġonevolezza. Dan juri li l-ilmenti kollha tas-soċjeta' attriċi jaqgħu li jkunu meqjusa u kkonsidrati taħt dan l-artikolu tal-liġi. Każ simili fejn ukoll ġiet analizzata ċ-ċitazzjoni attriċi u mqabbla mal-provvedimenti tal-Artikolu 469A huwa "Zamboni et vs Direttur tal-Kuntratti et", deċiża minn din il-Qorti fil-31 ta' Mejju 2002. F'dik is-sentenza intqal li deċiżjoni fuq sejħa pubblika hija deċiżjoni amministrattiva, u li l-kawża saret fit-termini tal-Artikolu 469A (per eżempju, bl-użu ta' kliem 'abbuż u eċċess tal-poter' u 'bi ksur tal-liġi', kliem li intużaw ukoll f'din il-kawża) u dan inattez x'jipprova jsejħilha l-attur.*

*Mhux daqshekk rilevanti xi jsejjaħ l-azzjoni tiegħu l-attur, għax x'inhi l-azzjoni jiddependi min-natura infisha tal-azzjoni u għal xhiex irid jasal l-attur. F'dan il-każ, is-soċjeta' attriċi qed titlob reviżjoni ta' deċiżjoni li ttieħdet minn xi awtorita' kostitwita mill-gvern, u għal tali ilment, il-liġi tipprovdi rimedju fl-imsemmi Artikolu 469A li m'għandux jiġi mwarrab.*

*Din il-Qorti mhux qed tgħid li l-Artikolu 469A huwa l-uniku liġi li jipprovdi rimedju kontra aġir tal-gvern, iżda l-azzjoni preżenti, kif formulata, taqa' fil-parametri ta' dak l-artikolu. Is-soċjeta' attriċi qed tattakka d-deċiżjoni li ħa l-gvern li jittratta biss mas-soċjeta' konvenuta u l-mod ta' kif ittieħdet dik id-deċiżjoni, u dan qed tagħmlu a bażi ta' kawżali li jaqgħu, uħud minnhom kważi verbatim, f'dak li jipprovdi l-imsemmi artikolu (ara, bħala rifless fuq dan, is-sentenza li tat il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fis-17 ta' Settembru 2013, fil-kawża fl-ismijiet "Massa vs Id-Direttur għall-Akkomodazzjoni Soċjali et").*

*Din il-Qorti ma taqbilx li in kwantu l-azzjoni tallega ksur ta' normi tal-Unjonin Ewropea, allura din l-azzjoni ma tistax*

*tinkwadra ruħha taħt azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju. L-Artikolu 469A stess jgħid illi l-provvedimenti tiegħu japplikaw meta jiġi allegat ksur ta' xi liġi. Il-liġijiet u n-normi tal-Unjoni Ewropea jifformaw parti mil-liġi tal-pajjiż, allura anke jekk l-azzjoni hija bażata fuq normi tal-Unjoni Ewropea, xorta waħda l-azzjoni tas-soċjeta' attriċi sabiex tattakka tali deċiżjoni hija azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju li jaħseb għaliha l-imsemmi Artikolu 469A.*

*Din il-Qorti tista' tifhem illi meta tinħareġ sejħa għall-interess ta' xi proġett, u tintefa' applikazzjoni minn min hu interessat, tinħoloq relazzjoni pre-kuntrattwali bejn il-partijiet, li torbot liż-żewġ naħat lejn kondotta tajba, pero' dan ma jfissirx illi kull deċiżjoni li eventwalment tingħata da parti tal-gvern tkun tista' twassal għall-azzjoni bażata fuq ksur ta' din ir-relazzjoni. Kieku jkun hekk, wieħed ikun jista' jasal biex jgħid li l-Artikolu 469A tal-Kap 12 ikun superfluwu. L-azzjoni ppreżentata mis-soċjeta' attriċi, huwa ċar, hija intiża sabiex tistħarreġ ġudizzjarjament deċiżjoni amministrattiva, u l-ilmenti jaqgħu fil-konsiderazzjoni tal-Artikolu 469A, u l-azzjoni trid issegwi d-dettami ta' dak l-artikolu. L-aġir tal-gvern, jekk jitqies abbużiv, jista' jingħad li jwassal għall-ksur tal-'kuntratt' li inħoloq bejnu u bejn l-offerent fis-sens li l-gvern ikun obbliga ruħu li jaġixxi b'ġustizzja u trasparenza. Dan l-aġir hu sindakabbli u soġġett għal stħarriġ skont kif tipprovdi l-liġi. Jekk in-natura tal-ilmenti jaqgħu f' dak provdut fl-Artikolu 469A, dak li jkun ma jistax jiskoġita rimedju ieħor biex jaħrab mir-restrizzjoni ta' żmien li jipprovdi l-imsemmi artikolu."*

***(iii)*** ***"Ragonesi & Company Ltd pro et noe vs Korporazzjoni Enemalta et"*** *– deċiża fl-24 ta' Novembru 2017 mill-Qorti tal-Appell Superjuri:*

*"Iżda qabel xejn jeħtieġ li tiġi investita n-natura tal-azzjoni*

*attriċi, peress li s-soċjeta' attriċi tisħaq li l-azzjoni tagħha mhix waħda ta' sħarriġ ta' egħmil ġudizzjarju ai termini tal-*Artikolu *469A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta (Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili), iżda li l-kawża istitwita minnha saret bħala proċedura ad hoc taħt prinċipji ġenerali tal-liġi li ma jinkwadrawx taħt l-imsemmi artikolu u għalhekk* issostni li ma japplikawx *l-eċċezzjonijiet imqajma mill-konvenuti appellanti. Hija tisħaq li l-qrati tagħna jirrikonoxxu li jistgħu isiru proċeduri li għandhom fihom element ta' sħarriġ ġudizzjarju mingħajr ma dawn jitressqu ai termini tal-*Artikolu *469A tal-imsemmi Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta u tiċċita sentenza f' dan ir-*rigward.

*Minn eżami tar-*rikors promutur, *fil-fehma ta' din il-*Qorti, *is-soċjeta' attriċi tilmenta minn serje ta' avvenimenti ritenuti minnha rregolari u tisħaq li kien konsegwenza ta' dawn l-irregolaritajiet li wasslu lill-konvenuti appellanti li jagħtu l-*kuntratt lis-*soċjeta'* konvenuta *l-oħra. Jekk wieħed jara l-aġir li tilmenta minnu s-soċjeta' attriċi appellata, dan jirrelata mal-proċess ta' public procurement adoperat miż-żewġ konvenuti* appellanti sabiex *wettqu l-għażla tagħhom. Isegwi li l-aġir* ilmentat minnha huwa marbut sew mar-responsabbiltajiet *tagħhom, bħala parti mill-proċess sħiħ għal skrutinju tal-*offerti *u l-għoti ta' kuntratt pubbliku, li min-natura tiegħu huwa intrinsikament ta' natura amministrattiva. Isegwi anke fid-*dawl *ta' dak li ser jingħad fil-*paragrafu minnufih wara dan, li huwa *għal kwantu ovvju li proprju l-provvediment speċjali taħt l-*Artikolu *469A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta għandu jirregola* din il-vertenza u mhux il-*liġi ordinarja taħt il-Kodiċi Ċivili (Ara f'*dan is-sens is-*sentenza ta' din il-*Qorti, *tal-31 ta' Mejju 2002, fil-kawża fl-*ismijiet *"*Roberto Zamboni noe vs id-*Direttur tal-Kuntratti et").*

*Id-diċitura adoperata mill-istess soċjeta' attriċi fir-rikors promutur tagħha, fis-sens li jiġu investigati l-irregolaritajiet imwettqa mill-konvenuti appellanti, ukoll hija sintomatika ta' stħarriġ ta' għemil amministrattiv. Dana jingħad fid-dawl tal-Artikolu 469A (1) li jipprovdi:*

> *"Ħlief hekk kif provdut mod ieħor bil-liġi, il-Qrati tal-ġustizzja ta' kompetenza ċivili għandhom ġurisdizzjoni biex jistħarrġu l-validita' ta' xi egħmil amministrattiv jew li jiddikjaraw dak l-egħmil null, invalidu jew mingħajr effett…"*

*Huwa għalhekk meqjus li meta s-soċjeta' appellata tixli lill-konvenuti b'irregolaritajiet f'għemilhom, dan jinkwadra sew fil-parametri tal-Artikolu 469(a)(1)(b) in eżami (u mhux taħt l-Artikolu 469A(1)(a) sa fejn ma hemm l-ebda allegazzjoni ta' egħmil li jikser il-Kostituzzjoni).*

*Inoltre mhux ritenuta rilevanti s-sentenza ċitata mill-istess soċjeta' attriċi appellata li titratta kawża ta' stħarriġ ġudizzjarju ta' deċiżjoni tat-Tribunal Industrijali fejn ġie ritenut li din kienet ultra vires, peress li dik l-azzjoni kienet sewwa sew ukoll inkwadrata taħt l-istess artikolu in eżami, u kwindi mhix ta' sostenn għall-argument tas-soċjeta' appellata. Kwindi din il-Qorti ma taqbilx mal-argument imressaq mis-soċjeta' attriċi appellata, iżda taqbel sa fejn kien dikjarat mill-ewwel Qorti li l-azzjoni attriċi tinkwadra taħt l-Artikolu 469A meta ingħad minnha:*

*"L-iskop ta' dan il-provvediment m'huwiex fil-fehma ta' din il-Qorti, għalhekk, limitat għal talba ta' dikjarazzjoni ta' nullita' ta' għemil amministrattiv. Il-liġi tagħti rimedju ta' stħarriġ esklussivament, għalhekk l-użu tal-kelma "jew" li timplika l-*

*alternattivita' taż-żewġ rimedji. Id-dikjarazzjoni ta' irregolarita' li qed tintalab minn din il-Qorti timporta essenzjalment l-istħarriġ provdut għalih bl-Artikolu 469A.""*

*(iv)* ***"Casapinta Design Group Ltd vs Direttur Ġenerali tal-Kuntratti et"*** *– deċiża fis-26 ta' Frar 2018 mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, Imħallef J. Padovani Grima:*

*"Il-Qorti rat illi fis-sottomissjonijiet tagħha, s-soċjeta' rikorrenti insistiet illi din ma kinitx azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju ta' egħmil amministrattiv, iżda azzjoni ġenerika għad-danni ai termini tal-liġi ordinarja taħt il-Kodiċi Ċivili. Il-Qorti rat ukoll illi s-sentenza ċitata is-soċjeta' rikorrenti fl-ismijiet "Ragonesi & Company et noe vs Korporazzjoni Enemalta et" ġiet sewwasew rovexxata kif indikat mill-intimati mill-Qorti tal-Appell fl-24 ta' Novembru 2017.... Il-Qorti taqbel perfettament ma' dan ir-raġjonament u tqis għalhekk illi s-soċjeta' rikorrenti intavolat din il-kawża b'mod inkorrett, peress illi l-aġir ilmentat minnha huwa ta' natura amministrattiva u għalhekk m'huwiex regolat bil-liġi ordinarja tad-danni iżda proprju bl-Artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta; liema artikolu jipprospetta terminu ta' dekadenza ta' sitt xhur (6). Dan it-terminu skada qabel ma ġiet intavolata din il-kawża."*

Illi applikat dan l-insenjament għall-azzjoni odjerna, din il-Qorti m'għandha l-ebda dubju li tali azzjoni hija fil-fatt waħda imposta *ai termini* tal-Artikolu 469A. Huwa irrilevanti li s-soċjeta' attriċi ssostni li l-azzjoni hija imposta bħala waħda għad-danni ai termini tal-liġi ordinarja. L-ilmenti tas-soċjeta' rikorrenti huma prinċipalment ippernjati fuq l-allegazzjoni li l-intimati fil-proċess tal-evalwazzjoni tas-sejħa għall-offerti, (fejn hija eventwalment ġiet skwalifikata), u fil-mod ta' kif il-kuntratt ingħata lis-soċjeta' Franċiża Degremont

S.A./CCC-CMR (France), ma mxewx mar-Regolamenti tal-Avviż Legali 177 tal-2005 (*Regolamenti tal-2005 dwar Kuntratti Pubblici*). Għaldaqstant din l-azzjoni hija essenzjalment waħda ta' stħarriġ ġudizzjarju ta' egħmil amministrattiv ai termini tal-Artikolu 469A. Saħansitra anke d-**diċitura** wżata fil-paragrafi tal-kawżali tkompli tikkonferma kemm l-azzjoni hija bbażata fuq l-Artikolu 469A. Din il-qorti qegħda telenka xi brani mill-kawżali f'dan ir-rigward (sottolinear ta' din l-istess Qorti)

*"13) Illi din l-istedina[13]mhux talli kienet waħda* ***illegali u ultra vires*** *stante illi l-appell previst fir-Regolament 83 tal-A.L. 177 tal-2005 huwa riservat biss "to those tenderers whose offer reaches the final stage of the award procedure, that is, the opening and the publication of the financial proposals" ...*

*14) Illi l-proċedura negozjata saret* ***bi ksur tal-liġi*** *u senjatament tar-Regolament 72 tal-A.L. 177 tal-2005...*

*17) Illi madanakollu din il-klawsola[14] qatt ma tista' tiġi interpretata b'mod illi jmur kontra d-dettami tal-liġi u senjatament illi qatt ma jistgħu isiru negozjati b'mod illi jibdlu sostanzjalment il-kundizzjonijiet oriġinali tat-tender. F'dan ir-rigward filwaqt li ssir referenza għall-prinċipju assodat illi* ***l-ebda awtorita' pubblika ma tista' taġixxi ultra vires****, issir referenza speċifika għall-fatt illi l-liġi tal-Kuntratti Pubbliċi innifisha timponi fuq id-Direttur tal-Kuntratti illi fi kwalunkwe proċedura li jistabbilixxi fir-rigward l-għoti tal-kuntratt,* ***din għandha tkun dejjem fil-parametri tal-liġi****...*

*18) ... s-subappaltatur propost minnha ...... kien avviċinat mit-tenderer li huwa rakkomandat sabiex jieħu l-kuntratt tax-xogħlijiet de*

[13] L-istedina li d-Direttur tal-Kuntratti għamel lis-soċjeta` attriċi permezz ta' ittra datata 27 ta' Ġunju 2008 biex tintavola appell fil-*Public Contracts Appeals Board* akkompanjat b' depożitu ta' €58,000 *ai termini* tar-Regolament 83 tal-A.L. 177 tal-2005
[14] Klawsola 32.2 tat-*Tender Documents*

*quo… u dana* ***bi ksur sfaċċat tal-liġi u bi ksur tal-Artikolu 36.3 tat-Tender Documents****…*

*20) Illi apparti s-suespost, il-proċedura kollha li wasslet għall-għoti tal-kuntratt de quo kienet ivvizjata b'numru ta'* ***irregolaritajiet u illegalitajiet oħra*** *li jinkludu s-segwenti…*

*20c) ... fit-Tender Documents, id-Direttur intimat indika mekkaniżmu ta' appell żbaljat b'mod illi jiżgwida lill-offerenti. Infatti l-istess Direttur indika r-Regolament 83… Fil-verita' r-Regolament appilkabbli huwa r-Regolament 82… Illi l-indikazzjoni żbaljata tal-mekkaniżmu ta' appell applikabbli għall-każ de quo tikkostitwixxi fiha nfisha* ***vjolazzjoni tar-Regolament 33(3)*** *...*

Isegwi għalhekk li d-danni konsegwenzjali mitluba mis-soċjeta' attriċi huma neċessarjament mitluba ukoll *ai termini* tal-Artikolu 469A, u senjatament l-Artikolu 469A (5).

Stabbilit li l-azzjoni tas-soċjeta' attriċi hija waħda ta' stħarriġ ġudizzjarju ta' egħmil amministrattiv, jonqos li jiġi eżaminat (*ai termini* tal-Artikolu 469A (3)) jekk l-azzjoni saritx fi żmien **sitt xhur** minn meta s-soċjeta' attriċi kellha interess issir taf, jew setgħet issir taf, skont liema jiġi l-ewwel, b'dak l-egħmil amministrattiv.

Il-ġurisprudenza nostrana hi konkorda li tali terminu huwa wieħed perentorju li la jista' jiġi miksur u lanqas sospiż.

Is-soċjeta' attriċi tilmenta li l-proċess tal-għażla li wassal għall-għoti tal-kuntratt lil *Degremenot SA/CCC-CMR* kien miżgħud bi ksur ta' liġijiet u ta' regolamenti. Ta' importanza għall-finijiet ta' din l-eċċezzjoni huma segwenti dati:

- <u>Id-deċiżjoni tas-27 ta' Marzu 2008</u> li permezz tagħha il-Kumitat

Ġenerali tal-Kuntratti irrakkomanda jiġu ppubblikati l-proposti finanzjarji ta' *Stabag AG-VA Tech Wabag GmbH Consortium* u *Degremont SA/CCC-CMR*. Dan ifisser li l-imsemmija *tenderers* għaddew għall-istadju li jmiss, u li t-*tenderers* l-oħra, inkluż is-soċjeta' attriċi ġew eliminati. (Is-soċjeta' attriċi saret taf b'dan permezz ta' ittra datata 28 ta' Marzu 2008);

- Il-fatt li wara li hija fl-4 ta' April 2008 intavolat ilment mad-Direttur tal-Kuntratti fejn elenkat l-aggravji tagħha u talbet rikonsiderazzjoni tad-deċiżjoni li ġiet komunikata lilha fl-ittra tat-28 ta' Marzu 2008, tali ilment tagħha ma ġiex riferit liċ-*Chairman* tal-Bord tal-Appelli dwar il-Kuntratti Pubbliċi u allura ma sarx eżami mill-ġdid u dettaljat tar-raġunijiet miġjuba mid-Dipartiment tal-Kuntratti għat-twarrib tal-offerta tas-soċjeta' attriċi. (Is-soċjeta' attriċi ma setgħetx damet ma ndunat li ma kinitx qed issir/ ma saritx reviżjoni da parti tal-Bord.)

- Id-deċiżjoni tal-20 ta' Ġunju 2008 li permezz tagħha tħabbar li l-kuntratt kellu jingħata lil *Degremont SA/CCC-CMR (France*). Fl-ittra tas-27 ta' Ġunju 2008 li d-Direttur tal-Kuntratti bagħat lid-difensur tas-soċjeta' attriċi, in risposta għall-ittra tiegħu tal-24 ta' Ġunju 2008, huwa qal:

  *"This Department would like to inform your clients that the recommendation of the General Contracts Committee to award the contract to JV Degremont SA/CCR-CMR was published on 20th June 2008 on the Department's notice board and website*."

  (Dan kollu juri li s-soċjeta' attriċi kienet taf b'din id-deċiżjoni finali fi stadju ferm bikri.)

- L-istedina (allegatament illegali u *ultra vires)* li d-Direttur tal-Kuntratti tas-27 ta' Ġunju 2008, għamel lis-soċjeta' attriċi, u ċjoe'

*"to file an objection in terms of the Public Contracts Regulations"*. (Din l-istedina ovvjament kienet ġiet ikkomunikata lis-soċjeta' attriċi fl-imsemmija ittra u għalhekk kienet a konoxxenza tagħha f'Ġunju 2008).

Issa l-azzjoni odjerna ġiet intavolata fis-27 ta' Awwissu 2009 u għalhekk **ferm aktar minn sitt xhur** minn meta s-soċjeta' attriċi kienet a konoxxenza tal-imsemmi aġir amministrattiv lamentat minnha.

Għaldaqstant jirriżultaw fondati it-tieni eċċezzjoni tad-Direttur tal-Kuntratti u s-sitt eċċezzjoni tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-ilma u allura mhux il-każ li din il-Qorti tagħmel kunsiderazzjonijiet ulterjuri.

**DEĊIŻJONI**

**Għal dawn il-motivi din il-Qorti qegħda tilqa' l-eċċezzjoni msemmija u konsegwentement tiċħad it-talbiet tas-soċjeta' attriċi.**

**L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri għandhom jitħallsu mill-istess soċjeta' attriċi.**

**Moqrija.**

**Joseph Azzopardi**
**S.T.O. Prim Imħallef**

**Mario Debono**
**Deputat Reġistratur**